**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 12 - IL-ĦAMIS 16 TA' APRIL 2020**

Din il-laqgħa saret permezz ta' Zoom Cloud Meeting fis-18:02.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Kulħadd kien prezenti għal-laqgħa.

**2. IS-SITWAZZJONI TAL-PJAN GĦALL-MAGĦTAB MINN WASTESERV**

2.1 Is-Sindku infurmat li l-ġurnata ta' qabel kienet mistiedna għal laqgħa mill-Ministru tal-Ambjent Dott. Aaron Farrugia biex jispjega l-aħħar żviluppi dwar il-pjan għall-Magħtab.

2.2 Kienet mitlub tieħu biss żewġ rappreżentanti u għalhekk stiednet lill-Viċi Sindku u lill-Minority Leader.

2.3 Il-Ministru u l-uffiċjali preżenti spjegaw l-aħħar pjanijiet li kienu juru tnaqqis sostanzjali mill-art li kellha tittieħed għall-impjant. Kienu infurmati wkoll li l-inċineratur kellu jipproċedi b'aktar għaġġla milli kien ippjanat ħalli titnaqqas il-ħtieġa li tittieħed aktar art.

2.4 Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Minority Leader spjegaw li kienet pożittiva l-fatt li saret reviżjoni b'daqstant tnaqqis.

2.5 Wara li saru xi mistoqsijiet ta' kjarifika mill-kumplament tal-membri il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li f'dan l-istadju ma jistax jieħu pożizzjoni għaliex s'issa ma ngħata l-ebda dokumenti minn dawk ippreżentati fil-laqgħa mal-Ministru.

2.6 Il-Kunsill qabel għalhekk li jitlob id-dokumentazzjonijiet lill-Ministeru u wara li jkollu d-dokumenti jerġa jiddiskuti biex possibilment jieħu pożizzjoni.

**3. TMIEM IL-LAQGĦA**

3.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:40.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |